**Parlament Ewropew**
2024-2029

**TESTI ADOTTATI**

# P10_TA(2024)0062

## Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta - il-Belġju

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2024 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta (COM(2024)0370 – C10-0166/2024 – 2024/0286(BUD))

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0370 – C10-0166/2024),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1] (“ir-Regolament dwar il-FEG”),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[2] kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda[4], u b’mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

---

[1] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.
[2] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta’ Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).
[4] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

– wara li kkunsidra l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-miri stabbiliti fil-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A10-0019/2024),

A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta’ bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet tal-kummerċ dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u biex tgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol; billi din l-assistenza tingħata permezz ta’ appoġġ finanzjarju li jingħata lill-ħaddiema u lill-kumpaniji li għalihom ikunu ħadmu;

B. billi l-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), wara 681 sensja[1] fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 17 (Manifattura ta’ karta u ta’ prodotti tal-karta) u 28 (Manifattura ta’ magni u tagħmir) tan-NACE Reviżjoni 2 fir-reġjun ta’ Provincie Limburg f’perjodu ta’ referenza għall-applikazzjoni mill-31 ta’ Diċembru 2023 sat-30 ta’ April 2024;

C. billi l-applikazzjoni tirrigwarda 567 ħaddiem li ngħataw is-sensja fil-kumpanija Sappi Lanaken NV (karta) u 114-il ħaddiem li ngħataw is-sensja fil-kumpanija Purmo Group Belgium NV (makkinarju);

D. billi l-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterji ta’ intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (c), tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li tal-anqas 200 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja fuq perjodu ta’ referenza ta’ erba’ xhur f’intrapriżi li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f’setturi ekonomiċi differenti u li jinsabu fl-istess reġjun;

E. billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna naqqsu l-kompetittività ekonomika u għandhom impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku fil-Belġju;

F. billi Sappi Lanaken kienet speċjalizzata fil-produzzjoni ta’ karta miksija mingħajr injam (WCP); billi d-domanda dejjem tonqos għall-prodotti tal-grafika li tirriżulta minn żieda fid-diġitalizzazzjoni wasslet għal kapaċità żejda dejjem tikber tal-industrija Ewropea tal-karta miksija mingħajr injam; billi l-produzzjoni f’Sappi Lanaken ma setgħetx tiġi ttrasferita għal prodotti oħra tal-karta li għalihom hemm aktar domanda mingħajr investimenti kbar u l-Grupp Sappi għalhekk iddeċieda li jwaqqaf il-produzzjoni f’Lanaken u jagħlaq l-impjant, peress li ma seta’ jiġi identifikat l-ebda xerrej xieraq, minħabba kapaċità strutturali żejda fl-industrija;

G. billi l-volum tal-produzzjoni tal-Grupp Purmo tal-panel radiators ilu jonqos b’mod kostanti fuq il-perjodu 2018-2023, minn 820 000 unità fl-2018 għal 320 000 fl-2023 (-60 %); billi meta jitqabblu l-kostijiet tal-produzzjoni tad-diversi impjanti tal-Grupp Purmo fl-Ewropa, is-sit f’Zonhoven jinsab fi żvantaġġ, peress li l-kostijiet tiegħu huma minn 17 % sa 35 % ogħla; billi l-Grupp Purmo ddeċieda li jwaqqaf il-produzzjoni tal-panel radiators ta’ 50 mm fl-impjant tiegħu ta’ Zonhoven u jagħlaq il-linja tal-produzzjoni

[1] Fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG.

rilevanti; billi wara s-sitwazzjoni mhux mistennija rigward id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-gass, li rriżultat mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li bbenefikat lis-sistemi tat-tisħin b'temperatura baxxa għad-detriment tal-panel radiators, l-irkupru tad-domanda huwa improbabbli peress li s-suq tal-panel radiators se jkun dejjem aktar limitat għas-sostituzzjoni tal-unitajiet li jinsabu fl-użu;

H. billi ż-żewġ kumpaniji, f'konformità mal-liġi Belġjana, segwew il-proċedura obbligatorja biex jinfurmaw u jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u stabbilew unità tal-impjiegi, li l-għan tagħha huwa li lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-kuntest ta' sensji kollettivi tipprovdilhom servizzi ta' rikollokament;

I. billi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea aktar ekoloġika u aktar diġitali;

J. billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (c), tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 704 135 skont dak ir-Regolament, li tirrappreżenta 60 % tal-kost totali ta' EUR 1 173 559, li jinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 126 559 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 47 000;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Belġjani ppreżentaw l-applikazzjoni fid-19 ta' Lulju 2024, u li, wara li l-Belġju pprovda informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fil-5 ta' Novembru 2024 u nnotifikatha lill-Parlament fl-istess jum;

3. Jinnota li l-applikazzjoni tirrigwarda 567 ħaddiem li ngħataw is-sensja fil-kumpanija Sappi Lanaken u 114-il ħaddiem li ngħataw is-sensja fil-kumpanija Purmo Group Belgium; jinnota wkoll li b'kollox 632 ħaddiem se jkunu benefiċjarji fil-mira, li huma kważi esklużivament irġiel;

4. Jissottolinja li s-swieq tax-xogħol ta' Lanaken u ta' Zonhoven jinsabu fi żvantaġġ meta mqabbla ma' Limburg kumplessivament jew mal-Flanders bi proporzjon tal-popolazzjoni li taħdem meta mqabbla mal-impjiegi disponibbli ferm aktar baxx milli f'Limburg kumplessivament jew fil-Flanders; jenfasizza li l-għadd ta' impjiegi industrijali disponibbli f'Limburg naqas bi 15 % fl-2023;

5. Jirrimarka li l-profili tal-ħaddiema ssensjati, li terz minnhom għandhom l-età ta' 55 sena jew aktar u 30 % minnhom għandhom livell baxx ta' edukazzjoni, jissarrfu f'ostakli serji fuq is-suq tax-xogħol; jisħaq li filwaqt li titqies ix-xejra 'l isfel fil-postijiet tax-xogħol vakanti u d-distribuzzjoni ġeografika tagħha, il-ħaddiema se jeħtieġu appoġġ addizzjonali mfassal apposta għalihom biex jgħinhom jirnexxu fit-tranżizzjoni lejn impjieg;

6. Ifakkar li l-awtoritajiet Belġjani għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni u jenfasizzaw il-valur miżjud tal-Unjoni tal-intervent, billi

jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lejn udjenzi multipli, inkluża informazzjoni mmirata lejn il-benefiċjarji, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-media u l-pubbliku;

7. Iqis li hija responsabbiltà soċjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jipprovdu lill-ħaddiema affettwati bil-possibbiltà li jiksbu l-kwalifiki meħtieġa għal impjieg futur, meta jitqies li t-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-setturi tagħhom filwaqt li jwasslu għal tnaqqis fid-domanda; jilqa' l-fatt li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal mill-Belġju b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti u mas-sħab soċjali tagħhom;

8. Jisħaq li l-appoġġ ipprovdut mill-FEG jeħtieġ li jiġi inkorporat fi strateġija akbar għall-ħaddiema affettwati u għar-reġjun, fil-livelli politiċi kollha, inkluż permezz tal-appoġġ ta' strumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni, bl-għan li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjonijiet diġitali u klimatiċi;

9. Ifakkar li s-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin: konsulent għall-intervent soċjali, gwida, konsulenza, u orjentazzjoni vokazzjonali, appoġġ attiv għat-tiftix ta' impjieg, taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali, inkluż taħriġ fil-ħiliet diġitali, kif ukoll taħriġ fuq il-post tax-xogħol;

10. Jinnota li l-Belġju beda joffri servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fis-26 ta' Diċembru 2023 u li għalhekk, il-perjodu ta' eliġibbiltà għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jkun minn dik id-data sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;

11. Jinnota li l-Belġju beda jġarrab nefqa amministrattiva biex jimplimenta l-FEG fl-20 ta' Novembru 2023 u li għalhekk, tali nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG minn dik id-data sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;

12. Jisħaq li l-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom, u li kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat;

13. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji, skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi, jew kwalunkwe allowance jew dritt tal-ħaddiema ssensjati, biex tiġi żgurata l-addizzjonalità sħiħa tal-allokazzjoni; ifakkar li l-Istati Membri li japplikaw għal appoġġ ta' finanzjament mill-FEG jeħtiġilhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni dwar is-sensji kollettivi u li l-kumpanija kkonċernata tkun ipprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq;

14. Jistieden lill-awtoritajiet Belġjani u lill-Istati Membri l-oħra jieħdu l-miżuri preventivi b'mod proattiv sabiex jadattaw l-industriji għall-globalizzazzjoni u l-bidliet teknoloġiċi u ambjentali u jipproteġu lill-ħaddiema milli jitilfu l-impjiegi tagħhom u minn impatti negattivi oħra tal-globalizzazzjoni;

15. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

*Ewropea*;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**ANNESS**

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2024/002 BE/Limburg makkinarju u karta**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[2], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u jippromwovi impjiegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' eventi maġġuri ta' ristrutturar u jgħinhom jerġgħu lura f'impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(2) Il-FEG ma jridx jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[3], emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765[4] u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.

(3) Fid-19 ta' Lulju 2024, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt id-Diviżjoni 17 (Manifattura ta' karta u ta' prodotti tal-karta) u d-Diviżjoni 28 (Manifattura ta' magni u tagħmir) tan-NACE Reviżjoni 2 fir-reġjun NUTS 2 ta' Provincie Limburg (BE22) fil-Belġju. Din l-

---

1 ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.

2 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni hija meqjusa konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 704 135 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.

(5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien meħud għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2024, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 704 135 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din id-deċiżjoni tapplika mill-... [*data ta' adozzjoni ta' din id-deċiżjoni*][].

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[1] COM(2024) 370.
[] Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.